# Dwar in-Netwerks

## Ċipru

F'Ċipru, in-netwerk huwa organizzat minn punti ta' kuntatt nazzjonali (NCPs) li jinnominaw. Bħalissa hemm sitt (6) NCPs: imħallef wieħed, żewġ avukati fl-Uffiċċju Legali tar-Repubblika ta' Ċipru, żewġ uffiċjali fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku (uffiċjal legali wieħed u uffiċjal amministrattiv wieħed) u membru wieħed tal-Kamra tal-Avukati ta' Ċipru.

L-NCPs tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku huma responsabbli sabiex jikkoordinaw is-sitt NCPs. Meta tasal mistoqsija jew talba għal informazzjoni min-netwerk jew inkella talba mill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stat Membru ieħor, l-NCPs tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Ordni Pubbliku jiżguraw li t-talba tintbagħat u li tiġi diskussa mal-NCPs l-oħrajn, sabiex jiġi deċiż liema Awtorità jew Aġenzija Ċiprijotta għandha tiġi nnominata sabiex tittratta t-talba jew tipprovdi l-informazzjoni mitluba.

L-aħħar aġġornament: 15/06/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.